# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru: 2769

Kaz Nru: 3615/ ET

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

Bejn

Andrew Giordimaina (KI 149357 M)

U

Mediterranean Offshore Bunkering

Company Limited (C 6052)

*Dwar: Tkeccija mill- impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt**

## Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal- kaz

Dan il-kaz gie ntavolat mill-Avukat Dr. Carina Bugeja Testa fil-5 ta' Frar, 2018, f'isem ir-rikorrent li ddikjara kif gej:

Illi r-rikorrent kien impjegat mas-socjeta' ntimata sa mill-1984 u l-ahhar pozizzjoni li kien jokkupa kienet ta' *Acting Shift Leader* u li dejjem ghamel xogholu sew.

Illi r-rikorrent kien akkuzat mis-socjeta' ntimata li nhar l-14 ta' Awwissu 2017, il-*Boiler no. 2* garrab hsarat kbar u estensivi kagun li hadem minghajr ilma u dan waqt li kien taht is-supervizjoni tieghu.

Illi r-rikorrent gie msejjah quddiem il-Bord ta' Dixxiplina u wara s-smiegh, fid-9 ta' Ottubru 2017, gie deciz mis-socjeta' ntimata illi l-impjieg tieghu gie tterminat. Dan gara ukoll wara l-appell fejn fit-22 ta' Dicembru 2017, it-terminazzjoni giet konfermata.

Ir-rikorrent tenna li l-impjieg  gie tterminat ghal ragunijiet mhux tajba u bizzejjed u li ghaldaqstant it-terminazzjoni hija wahda ngusta u li dan it-Tribunal ghandu jaghti l-provvedimenti kollha opprtuni nkluz li r-rikorrent jerga'  jinghata l-impjieg u kumpens gust.

**<u>Min naha taghha s-socjeta' ntimata, permezz ta' l-Avukat Dr Pawlu Lia ddikjartat kif gej:</u>**

Illi mhux minnu li r-rikorrent tkecca ghal raguni ngusta u ghal kuntrarju huwa ghadda proceduri ta' dixxiplina regolari wara li b'negligenza, traskuragni kbira u nuqqas ta' osservazzjoni tal-obbligi u doveri tieghu, mhux biss ikkaguna b'aktar minn €200,00  hsara u espona l-kumpanija ghal hsarat akbar, izda ukoll espona lil shabu tax-xoghol ghal periklu ta' disgrazzja li setghet tkun wahda kbira li twassal ghal-imwiet.

Illi r-rikorrent kien accetta l-process dixxiplinarju kif ukoll ippartecipa fih rapprezentat mill-Union tieghu. Hu ukoll kien apella skont il-proceduri fejn ukoll gie rrapprezentat.

Ir-rikorrent minkejja l-esperjenza li kellu, jaf tajjeb x'setghu kienu l-konsegwenzi meta halla xogholu u naqas li jaghmel is-supervizjoni mehtiega fil-*Boiler Room* bil-konsegwenza li ma nnutax li kien nixef l-ilma f'wiehed mill-*boilers* u li dan sahan tant li apparti l-hsara rreparabbli li garrab kien f' periklu li jikkaguna spluzjoni b' konsegwenzi kbar ghalih. Kien biss l-intervent f'waqtu ta' haddiem iehor li, b'riskju kbir ghalih innifsu, irnexxielu jitfi l-boiler u jevita disgrazzja.

Illi anqas huwa minnu li r-rikorrent dejjem ghamel xogholu sew u kien  gie mwissi diversi drabi fuq l-atteggjament tieghu.

Illi ghaldastant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.

## <u>Provi</u>

F'dawn il-proceduri xehdu x-xhieda migjuba mill-partijiet kif ukoll gew esebiti xi dokumenti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan it-Tribunal ghandu biex jikkunsidra jekk it-terminazzjoni tar-rikorrent kinitx wahda gusta u ghal raguni tajba u bizzejjed.

It-Tribunal fela' bir-reqqa x-xiehda kollha, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet tal -kaz u t-trattazzjonijiet finali u kkunsidra dawn il-punti ewlenin.

Ir-Rikorrent kellu esperjenza vasta . Kien jaf sew x'inhuma r-responsabilitajiet tieghu. Kien imharreg u ccertifikat fix-xoghol ta' *boiler attendant'*.

Il-*Boilers* kienu antiki u riedu attenzjoni partikolari u l-hin kollu. Il-*Boiler* partikolari li fuqu gara l-incident kien bil-hsara filghodu kmieni izda wara gie startjat. Jidher li gieli kien jigri hekk u jitkompla x-xoghol normali. Dan xehdu s-Sur Jimmy Ciappara, ix-xift *leader* tar-rikorrent. Huma t-tnejn startjaw wara l-erba ta' filghodu fl-14 ta Awwissu, 2017, u wara baqa'r-rikorrent bhala *attendant* mal-*boiler*. Dak in-nhar, lejliet Santa Maria, ir-rikorrent kien bidel ix-xift u allura kellu jispicca fit-tlieta ta' wara nofsinhar. Is-Sur Jimmy Ciappara kien ukoll dahal f' dan ix-xift minhabba li cemplulu minhabba l-hsara.

Jidher mis-*CCTV* li r-rikorrent telaq minn fuq il-post tax-xoghol, jigifieri minn fejn il-*boilers*, fis-siegha u wiehed u hamsin minuta (1.51pm) u mar fil-*mess room* li qedha il-boghod mill-*boilers*. Dan kien jaf li hadd ma seta' jitlaq minn hdejn il-*boilers* qabel ma jigi l-haddiem l-iehor biex jibdlu u r-rikorrent kien jaf sew li s-Sur Jimmy Ciappara ma kienx ix-xift tieghu u ma setghax jibghat lil xi hadd. Dan setgha jaghmlu biss ix-*shift leader* tax-xift propja. Ghal xi s-saghtejn u nofs (2.30pm) is-Sur Jimmy Ciappara saqsa lir-rikorrent jekk kienx kollox sew rigward il-*boilers* u dan qallu iva u qallu qieghed 6/6.5 (*reading* normali u tajjeb). Is-Sur Jimmy Ciappara serrah rasu.

Fit-Tlieta neqsin ghoxrin (2.40 pm) nizel fejn il-*boilers* il-kollega tas-Sur Jimmy Ciappara , is-Sur Alex Farrugia , *Operations Officer*, biex jara li kollox sew qabel jibda xift gdid u sab il-*boiler* inkwistjoni bla *steam*, jigifieri bla ilma. Dan tela' jigri jghid lis-Sur Jimmy Ciappara li nizel b'girja u b'sogru kbir, tfieh fost hsejjes kbar u tal-biza tal-hadid li minnu hu maghmul il-*boiler*.

Is-Sur Jimmy Ciappara xehed li ir-rikorrent meta kellmu u qallu kollox sew da ma setax li kien minnu. Elfejn (2000 ltrs) litru ilma ma setghawx sparixxew u xxuttaw. Dan spjega li dak l-ammont ta' l-ilma irid siegha u nofs (1.5 hrs) biex jixxotta u allura l-informazzjoni li ta r-

rikorrent wara li halla postu ma setghetx tkun kredibbli. Tenna li…'qas kitla ma tinxef f'ghaxar minuti.

L-Inginier Karlos Taliana spjega li l-*boiler* ghandu *'glass gauge'* apposta biex jigi ccekkjat l-ilma . Dan tista tarah kull hin apparti sigurta' ohra mekkanika jew elettrika li tezisti. Qal ukoll li l-*boilers* kienu jigu ccekkjati u ccertifikati dejjem fil-hin u skont il-Ligi.

Il-Kap Ezekuttiv Alex Falzon xehed li *boiler attendant* biex ihalli l-post tax-xoghol irid dejjem javza lix-*shift leader* u li kienet ordni li kull nofs siegha isir ' *reading observation'*. Ikkonferma ukoll li r-rikorrent kellu t-tahrig mehtieg u ccertifikat biex jahdem fuq il-*boilers*.

Is-Sur Charles Cassar, li kien ic-Chairman ta-Bord tad-Dixxiplina xehed li l-*boiler* garrab il-hsarat taht is-supervizjoni tar-rikorrent.

Ir-Rikorrent minn naha tieghu semma il-hsarat spissi li kien ikollhom il-*boilers* u li xorta kien ikollu bzonn il-gwida tas-sistema li hafna drabi kienet tkun bil-hsara. Ir-rikorrent qal li hames minuti biss (5 min) halla l-*boiler* wahdu.

It-Tribunal jinnota ukoll process dixxiplinarju xieraq u skont il-proceduri ezistenti fis-socjeta' ntima nkluz l-uzu tad -dritt tal-appell.

## **Decizjoni**

It-Tribunal analizza u wizen il-fatti, il-provi, ix-xhieda, d-dokumenti esebiti, d-dikjarazzjonijiet u trattazzjonijiet finali.

Wara li ghamel il-kunsiderazzjonijiet fuq il-punti principali msemmija t-Tribunal qed jasal ghal konkluzjoni li r-rikorrent, li kellu gharfien u esperjenza vasta fuq supervizjoni tal-boilers, kien negligenti u traskurat fil-qadi tad-dmirijietu specifikament li qabel ihalli postu jara li kollox sew u li jigi mibdul fil-post. Ukoll ir-rikorrent ma kienx kredibbli bil-provi li ftit minuti qabel li giet innotata l-hsara u l-perkilu relatat dan kien qal lis-superjur tieghu li kollox kien sew.

Il-kaz kien wiehed ta' natura gravi hafna li setgha kellu konsegwenzi tragici u ghaldastant it-Tribunal qed jaghraf ragunijiet tajba u bizejjed u qed jikkonferma tkeccija gusta.

Ghal finijiet tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' erbgha u disghin ewro (€94.)

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone MA, BA (Hons), Dip. Mgt.**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**